MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2014

Numru. 1268/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Alistair Bianco]**

**vs**

**Alistair Bianco**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Alistair Bianco detentur tal-karta tal-identita` numru 526979(M).

Akkuzat talli fis-17 ta’ Marzu 2011, ghall-habta ta’ nofsinhar:
1. Volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe`, hsara fuq il-bieba tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBP187, liema ammont ta’ hsara ma jiskorrix l-elfm mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) imma huwa aktar minn mija u sittax-

il Euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) ghad-detriment ta’ Andre Camenzuli.

Rat li l-imputat ikkontesta l-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li bih ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.
Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz li semghet ix-xhieda kollha inkluz dawk tad-difiza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta fuq allegat hsarat volontarji mill-imputat fuq vettura li tappartjeni lil Andre Camenzuli liema hsarat kienu jammontaw ghal aktar minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (EUR116.47).

Illi din il-kawza tistrieh principarjament fuq zewg xhieda, dawk ta’ Stephen Portelli, u cioe` dik il-persuna li kienet fil-vettura appartenenti lil Andre Camenzuli, u dik tal-imputat stess li dejjem cahad l-involviment tieghu fil-kaz.

Illi min-naha l-wahda Stephen Portelli jghid illi huwa kien fil-karrozza ta’ Andre Camenzuli meta f’daqqa wahda sema’ daqqa fuq in-naha tieghu u cioe` tax-xufier u jisma’ hadida taqa’ mal-art. Fil-pront jara lill-imputat tielaq mill-post. Huwa jghid illi hu u l-imputat ma kienux jithamlu u kellhom xi divergenzi fil-passat u sahansitra kienu spiccaw il-Qorti. Illi pero` prova ta’ dan ma ngabitx u l-anqas min instab hati jew le.

Illi min-naha tieghu l-imputat, filwaqt li nnega l-involviment tieghu sa mill-bidu nett, xehed illi kien Stephen Portelli li kien aggressiv u jigri warajh, sahansitra kien isawwat lilu u lill-ohtu meta Stephen kien johrog maghha u fil-fatt kienu spiccaw il-Qorti fejn kien l-istess Portelli li kien instab hati. Illi Bianco xehed ukoll illi huwa kien ghadu kif hiereg minn operazzjoni f’wiccu u fil-fatt kien dakinhar tas-17 ta’ Marzu 2011 li kien hareg l-ewwel darba. Illi huwa nnega li qatt kellu van abjad hekk kif qal Stephen Portelli.

Illi ghaldaqstant, din il-Qorti ghandha tara liema wiehed mill-partijiet huwa l-aktar kredibbli u min minnhom ta l-aktar verzjoni verosimili. Illi din il-Qorti ma hija xejn konvinta mill-verzjoni ta' Stephen Portelli partikolarment ghal fatt illi huwa kien b'karozza ta' haddiehor dakinhar u ghalhekk min tah id-daqqa ma setax ikun konvint min qieghed hemm. Illi ulterjorment, xi hadd li jrid jaghmel xi hsara lill haddiehor ma jaghmilx hekk fid-dawl tax-xemx meta jista' jarah kullhadd u meta jkun hemm dik il-persuna stess fil-karrozza.

Illi ghal dawn il-motivi mhux qed issib lill-imputat **Alistair Bianco** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------